



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2009/2158(INI)

11.11.2009

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar "Europeana – il-passi li jmiss"
(2009/2158(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Helga Trüpel

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
NOTA SPJEGATTIVA.....	8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar "Europeana – il-passi li jmiss" (2009/2158(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 151 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Awwissu 2009 bit-titlu: "Europeana – il-passi li jmiss" (COM(2009)0440),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni¹,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/585/KE tal-Kummissjoni tal-24 ta' Awwissu 2006 dwar id-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn ta' materjal kulturali u dwar il-konservazzjoni diġitali²,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2009 bit-titolu: "Id-Dritt tal-Awtur fl-Ekonomija tal-Għarfien" (COM(2009)0532),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Awwissu 2008 bit-titolu: "Il-maws muftieħ tal-wirt kulturali tal-Ewropa – Progress fid-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn tal-materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali madwar l-UE" (COM(2008)0513),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-librerija diġitali Ewropea EUROPEANA³,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-4 ta' Ġunju 2008 tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Librerija Diġitali – is-sottogrupp dwar id-drittijiet tal-awtur – dwar il-konservazzjoni diġitali, ix-xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur u xogħlijiet li m'għadhomx jiġu stampati,
- wara li kkunsidra r-rapport finali ta' Mejju 2008 tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Librerija Diġitali – is-sottogrupp dwar is-sħubijiet pubbliċi u privati – dwar is-sħubijiet pubbliċi u privati għad-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn tal-wirt kulturali tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-i2010: lejn librerija diġitali Ewropea⁴,

¹ ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

² ĠU L 236, 31.8.2006, p. 28.

³ ĠU C 319, 13.12.2008, p. 18.

⁴ ĠU C 219 E, 28.8.2008, p.296.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0000/2009),
- A. billi f'ambjent diġitali huwa importanti li jiġi ggarantit l-aċċess universali għall-wirt kulturali Ewropew u li jiġi żgurat li dan ikun ikkonservat għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin,
- B. billi l-ġid u d-diversità tal-wirt kulturali komuni Ewropew għandhom jinġiebu 'l quddiem bl-aktar mod mifrux possibbli, u l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kulturali, b'mod partikolari l-libreriji, għandu jkollhom sehem importanti f'dan l-isforz kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali u lokali,
- C. billi l-wirt kulturali Ewropew hu magħmul l-aktar minn xogħlijiet fid-dominju pubbliku, u dawn għandu jingħatalhom aċċess fid-dinja diġitali u kemm jista' jkun f'formati ta' kwalità għolja,
- D. billi għandu jitqies l-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġiji l-ġodda u t-tibdil li dawn iġibu fil-prattiki kulturali, kif għandhom jitqiesu wkoll il-proġetti eżistenti ta' diġitizzazzjoni barra l-Ewropa, bħall-Google Books, u r-riżultati tal-konklużjoni tal-kawża ta' din il-kumpanija fl-Istati Uniti tal-Amerika,
- E. billi s'issa parti żgħira biss mill-wirt kulturali Ewropew għadha ġiet diġitizzata, billi kull Stat Membru qed jimxi bil-pass tiegħu, u l-finanzjament pubbliku allokat għad diġitizzazzjoni tal-massa mhux biżżejjed,
- F. billi d-diġitizzazzjoni tal-wirt kulturali Ewropew se tkun ta' ġid ukoll għal oqsma oħrajn, bħall-edukazzjoni, ix-xjenza, ir-riċerka, it-turiżmu u l-midja,
- G. billi t-teknoloġija diġitali hija wkoll għodda importanti għall-persuni b'diżabilità,
- H. billi hemm differenzi kbar fil-leġiżlazzjoni dwar id-dritt tal-awtur fost l-Istati Membri tal-UE u billi l-istatus tad-dritt tal-awtur ta' għadd kbir ta' xogħlijiet għadu inċert,
- I. billi jinħtieġu sforzi urġenti biex jinstab tarf tal-kwistjoni tal-"ħofra s-sewda" li hemm fil-kontenut tas-sekli 20 u 21, b'xogħlijiet ta' siwi kulturali kbir li jinsabu mitluqa u ma jintużawx; billi kull soluzzjoni għandha tqis kif jixraq l-interessi tal-partijiet kollha involuti,

Europeana – pass importanti biex jinżamm u jinxtered il-wirt kulturali Ewropew

1. Jilqa' l-ftuħ u l-iżvilupp tal-librerija, il-mużew u l-arkivji diġitali Ewropej għal kontenut ta' kwalità għolja bl-isem ta' Europeana, bħala punt ta' aċċess uniku, dirett u multilingwi, kif ukoll bħala daħla għall-wirt kulturali Ewropew;
2. Jisħaq fuq l-importanza li l-Europeana tiżviluppa f'servizz operattiv sħiħ, b'interface multilingwi u b'karatteristiċi tal-web semantika li jżommu l-kwalità għolja tax-xogħlijiet kif ukoll b'data aċċessibbli mad-dinja kollha;

3. Jiddispijaċih li l-Istati Membri ma kkontribwewx bl-istess mod għall-kontenut tal-Europeana u jinkoraġġihom jikkooperaw mill-qrib ma' istituzzjonijiet kulturali oħrajn biex jiġu diġitizzati x-xogħlijiet u biex ikompli bl-isforzi tagħhom għat-tfassil ta' pjanijiet ta' diġitizzazzjoni fil-livelli kollha possibbli, biex b'hekk ma jsirux sforzi doppji kif ukoll biex titħaffef ir-rata ta' diġitizzazzjoni tal-kontenut kulturali;
4. Jenfasizza l-benefiċċji ekonomiċi li tista' toffri d-diġitizzazzjoni, billi l-valuri kulturali diġitizzati għandhom impatt ekonomiku qawwi, b'mod speċjali fuq l-industriji marbutin mal-kultura, u wkoll isostnu l-ekonomija tal-għarfien;
5. Jenfasizza li l-portal għandu jqis il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, biex dawn ikun jista' jkollhom aċċess sħiħ għall-għerf miġbur tal-Ewropa; għalhekk jinkoraġġixxi lill-pubblikaturi biex joffru aktar xogħlijiet f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;
6. Jenfasizza li l-Europeana għandha ssir wieħed mill-punti ewlenin ta' referenza għal għanijiet edukattivi u ta' riċerka; iqis li, jekk tkun integrata b'mod koerenti fis-sistemi edukattivi, l-Europeana tista' tkompli tqarreb liż-żgħażaġh Ewropej mal-wirt kulturali u letterarju tagħhom;
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex ma jkunx hemm qabża fl-għarfien bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti tal-Amerika u sabiex ikun żgurat li l-Ewropej ikollhom aċċess sħiħ għall-wirt kulturali tagħhom stess;
8. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ġġedded il-mandat tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, billi dan jagħti seħmu għal viżjoni komuni dwar il-libreriji diġitali Ewropej, kif ukoll jappoġġa soluzzjonijiet prattiċi għal kwistjonijiet ewlenin li jolqtu l-aċċessibilità onlajn ta' materjal kulturali;

Kontenut akbar u aħjar għall-Europeana

9. Jinkoraġġixxi lill-fornituri tal-kontenut biex iżidu d-diversità tat-tipi ta' kontenut għall-Europeana, b'mod speċjali l-kontenut bl-awdjo u bil-vidjo, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk ix-xogħlijiet li jitħassru malajr, filwaqt li jkunu osservati d-drittijiet tal-propjetà intellettuali, b'mod speċjali d-drittijiet tal-artisti;
10. Hu konvint li l-kontenut ta' dominju pubbliku fid-dinja analoġika għandu jibqa' fid-dominju pubbliku fl-ambjent diġitali, ukoll wara li jinbidel il-format;
11. Jistieden lil dawk l-istituzzjonijiet kulturali Ewropej li jidħlu għad-diġitizzazzjoni tal-kontenut tax-xogħlijiet ta' dominju pubbliku tagħhom biex dan ikun disponibbli permezz tal-Europeana u ma jillimitawx id-disponibilità tiegħu għat-territorju ta' pajjiżhom;
12. Jenfasizza li għandhom jinstabu soluzzjonijiet biex l-Europeana toffri wkoll xogħlijiet bid-dritt tal-awtur kif ukoll dawk li m'għadhomx jiġu stampati u dawk bla attribuzzjoni ta' awtur permezz ta' strateġija settorjali, li jkunu jikkonformaw mal-liġijiet li jirregolaw il-propjetà intellettuali; hu tal-fehma li għandu jkun hemm preferenza għal soluzzjonijiet bħall-estensjoni tal-ġhoti ta' liċenzja kollettiva jew prattiki oħrajn ta' ġestjoni kollettiva;
13. Japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi sistema ta' kklerjar ta' drittijiet li

tkun sempliċi u effiċjenti meta titqabbel man-nefqa għad-diġitizzazzjoni ta' xogħlijiet ippubblikati u d-disponibilità tagħhom fl-Internet, li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha involuti;

14. Għalhekk, jilqa' u jappoġġa inizzjattivi, bħall-proġett ARROW¹, li jsieħbu d-detenturi tad-drittijiet mar-rappreżentanti tal-libreriji, b'mod partikolari billi dawn ifittxu li jidentifikaw id-detenturi tad-drittijiet u d-drittijiet tagħhom, kif ukoll jiċċaraw l-istatus tad-drittijiet ta' xogħlijiet, fosthom jekk dawn ikunux bla attribuzzjoni ta' awtur jew m'għadhomx jiġu stampati;
15. Hu favur soluzzjoni ekwibrata għall-Ewropa kollha għad-diġitizzazzjoni u t-tixrid ta' xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur, ibda billi dawn jiġu definiti b'mod ċar, jiġu stabbiliti standards komuni (fosthom dak tad-diliġenza dovuta applikat fit-tfittxija għas-sjeda tagħhom), kif ukoll is-soluzzjoni tal-kwistjoni tal-ksur potenzjali tad-dritt tal-awtur meta jintużaw xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur;
16. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' teknoloġiji żviluppata biex jiżguraw il-konservazzjoni diġitali sostenibbli u fit-tul, l-interoperabilità tas-sistemi tal-aċċess għall-kontenut, in-navigazzjoni multilingwi u d-disponibilità tal-kontenut, kif ukoll sett ta' standards li joħolqu l-unità;

Kwistjonijiet ta' finanzjament u governanza

17. Jenfasizza li l-ħolqien ta' mudell ta' finanzjament u governanza sostenibbli huwa kruċjali għall-eżistenza fit-tul tal-Europeana;
18. Jenfasizza li, sabiex ilaħħqu mal-ispejjeż kbar tad-diġitizzazzjoni u l-pressjoni tal-ħin, iridu jiġu żviluppata metodi ġodda ta' finanzjament, bħas-sħubijiet pubbliċi u privati, fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet li jkunu mifhuma sew u ta' linji gwida komuni;
19. Jenfasizza li parti sostenzjali tal-finanzjament għandu jiġi mill-kontribuzzjonijiet pubbliċi u jipproponi li jitqies il-proċess ta' diġitizzazzjoni taħt il-patroċinju tal-istrateġija ta' Lisbona, u li parti mill-ispiża tad-diġitizzazzjoni tidħol fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss permezz tal-programmi Komunitarji;
20. Jipproponi li tiġi organizzata kampanja bl-isem "Idħol fl-Europeana" dwar l-isforzi għall-finanzjament, biex ikun hawn aktar għarfien dwar il-kwistjoni u l-urġenza tagħha, u jirrakkomanda li parti mir-riżorsi maħsuba għall-Europeana għandhom ikunu ddedikati għall-promozzjoni ta' din il-librerija fost l-akbar għadd ta' persuni possibbli;
21. Jilqa' l-ħidma attwali tal-Fondazzjoni Ewropea tal-Libreriji Diġitali biex jitħaffu ftehimiet formali bejn il-mużewijiet, l-arkivji, l-arkivji awdjoviżivi u l-libreriji dwar kif għandhom jikkooperaw fit-twassil u s-sostenibilità tal-portal konġunt Europeana;
22. Hu tal-fehma li l-istituzzjonijiet kulturali għandu jibqa' jkollhom sehem fil-mudell ta' governanza tal-ġejjieni tal-Europeana;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-

¹ Reġistri Aċċessibbli tal-Infommazzjoni dwar id-Drittijiet u x-Xogħlijiet bla Attribuzzjoni ta' Awtur

Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Europeana¹ – il-librerija, il-mużew u l-arkivju onlajn tal-Ewropa – fetthet f'Novembru 2008 bħala parti mill-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-librerija diġitali: l-għan ta' din l-inizjattiva hu li l-wirt kulturali u xjentifiku Ewropew ikun aċċessibbli għal kulħadd fl-Internet.

Illum, Europeana toffri 4.6 miljun biċċa xogħol, fosthom kotba, mapep, filmati u ritratti. L-għan hu li jintlaḥqu 10 miljun oġġett sa Ġunju 2010, meta suppost li titnieda verżjoni ġdida tal-Europeana. Fl-2011 tibda t-tieni fażi tal-proġett, meta Europeana.eu tibda taħdem bis-sħiħ b'natura aktar multilingwi u b'karatteristiċi tal-web semantika. Il-valur miżjud għall-utenti hu li bl-Europeana wieħed jista' jsib tagħrif bil-lingwa nattivha tiegħu.

Europeana hija ffinanzjata mill-programm *eContentplus*, mill-programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni, u minn xi Stati Membri u istituzzjonijiet kulturali.

Il-Fondazzjoni Ewropea tal-Librerija Diġitali nħolqot bil-għan li jkun hemm aċċess għall-oqsma kollha tal-wirt kulturali Ewropew. Tipprova tiffaċilita l-ftehimiet formali mal-mużewijiet, l-arkivji, l-arkivji awdjoviżivi u l-librerija dwar kif għandu jkun hemm kooperazzjoni fit-twassil u s-sostenibilità tal-portal konġunt Europeana. Għandha l-għan ukoll li ttiprovdi qafas legali għall-użu tal-UE għall-iskopijiet ta' finanzjament u bħala impetu għall-governanza fil-ġejjieni.

Is-sit huwa mmexxi mill-uffiċċju tal-Europeana, li hu ospitat mil-Librerija Nazzjonali Olandiża. Aktar minn 1 000 istituzzjoni kulturali kkontribwew xi kontenut għall-Europeana (direttament jew permezz ta' aggregaturi) u aktar minn 150 istituzzjoni qed jipparteċipaw fin-netwerk imsieħeb magħha.

Il-Kummissjoni issa qiegħda tħares 'il quddiem għall-fażi li jmiss tal-iżvilupp tal-Europeana. L-għan huwa li jkun żgurat li l-Europeana u l-politiki ta' bażi għad-diġitizzazzjoni, l-aċċessibilità onlajn u l-konservazzjoni diġitali jagħtu lill-kultura Ewropea viżibilità fl-internet li ddum fiż-żmien u jbiddu l-wirt kemm komuni kif ukoll differenti tagħna f'parti integrali tal-infrastruttura tal-informazzjoni tal-Ewropa għall-futur.

Tnediet ukoll konsultazzjoni pubblika dwar it-tkomplija tal-iżvilupp tal-Europeana. Din trattat, fost affarijiet oħra, dwar il-mod li bih is-settur privat jista' jidħol biex l-Europeana tkompli tiżviluppa permezz tas-sħubijiet pubbliċi u privati, u kif wieħed jista' jfittex il-kontenut bid-dritt tal-awtur permezz tal-Europeana.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar "i2010: lejn Librerija Diġitali Ewropea", il-Parlament Ewropew esprima l-appoġġ qawwi tiegħu għall-idea li tkun stabbilita librerija diġitali Ewropea fis-sura ta' punt ta' aċċess komuni u multilingwi għall-wirt kulturali Ewropew.

Issa, meta l-Europeana qiegħda ssir realtà, jeħtiġilha appoġġ ċar politiku mill-Parlament Ewropew, billi l-istamina u l-kwalità ta' dan il-proġett jiddependu mill-ħolqien ta' mudell ta' finanzjament u governanza sostenibbli, mis-sejba ta' soluzzjonijiet għad-diġitizzazzjoni bil-massa ta' materjal bid-dritt tal-awtur, u mill-għarfien tal-importanza ta' sforz bħal dan fost l-

Istati Membri.

Il-kwistjonijiet ewlenin dwar il-kontenut

Id-digittizzazzjoni ta' prodotti kulturali, fosthom il-kotba, huwa proġett estensiv u għali li jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn id-detenturi tad-drittijiet, l-istituzzjonijiet kulturali u l-kumpaniji tal-ICT, kif ukoll bejn is-setturi pubbliċi u privati.

L-għażla tal-kontenut li għandu jiġi digittizzat u mdaħħal fl-Europeana huwa determinat mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kulturali tagħhom, skont il-politiki kulturali u/jew ta' informazzjoni tagħhom.

Il-kontribut tal-Istati Membri differenti għall-Europeana **xejn mhux ekwilibrat**, kemm fl-għadd ta' oġġetti kif ukoll fit-tip ta' materjal. Huma disponibbli fl-Europeana biss 5% tal-kotba kollha diġitali. Kważi nofshom ġejjin minn Franza. Pajjiżi oħrajn li kkontribwew sew huma l-Ġermanja (16%), l-Olanda (8%) u r-Renju Unit (8%). Il-pajjiżi l-oħrajn kollha taw 5% jew anqas kull wieħed.

Billi d-**digittizzazzjoni bil-massa** qabdet sew f'partijiet oħrajn tad-dinja, qiegħed isir urġenti li x-xogħol ta' digittizzazzjoni fuq skala kbira tal-wirt kulturali Ewropew jittieħed b'aktar serjetà. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal dawk ix-xogħlijiet li huma fraġili u li dalwaqt jistgħu ma jibqgħux jeżistu u fost dawn hemm materjal awdjoviżiv.

L-għan inizjali kien li wieħed jikkonċentra fuq il-potenzjal ta' materjal ta' testi li m'għandhomx dritt tal-awtur. Għal raġunijiet legali, l-Europeana la tinkludi kotba li ma jinstabux għall-bejgħ (90% tal-kontenut tal-libreriji nazzjonali) u lanqas xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur (10 sa 20% tal-ġabriet nazzjonali) li l-awturi tagħhom ma jistgħux jiġu identifikati.

Fl-istess waqt, huwa ċar li għandhom jinstabu soluzzjonijiet dwar kif għandu jkun inkluż materjal **bid-dritt tal-awtur**. Dan huwa importanti sabiex tiġi evitata l-"ħofra s-sewda tas-seklu 20" – sitwazzjoni li fiha ħafna mill-materjal kulturali ta' qabel l-1900 huwa aċċessibbli fuq il-web, imma f'it li xejn hemm materjal disponibbli mill-passat aktar reċenti. Dan jitlob kolloborazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet kulturali u d-detenturi tad-drittijiet, b'rispett sħiħ tal-leġiżlazzjoni tad-dritt tal-awtur.

Problema serja b'mod partikolari teżisti fil-qasam tax-**xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur anonimi**, i.e. xogħlijiet li hu impossibbli jew diffiċli ħafna li jinstabulhom id-detenturi leġittimi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri f'it li xejn għamlu progress minn meta l-Kummissjoni ħarġet ir-Rakkomandazzjoni tagħha tal-2006 dwar id-digittizzazzjoni u l-konservazzjoni diġitali.

Il-kwistjoni tax-xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur kompliet tiġbed l-attenzjoni minħabba l-ftehim milħuq fil-kawża tal-Google Book Search fl-Istati Uniti, li jikkonċerna ħafna minn dawn ix-xogħlijiet. (Google Books huwa proġett kummerċjali żviluppat minn wieħed mill-parteċipanti l-aktar importanti fis-suq tas-servizzi tal-Internet. Dan jippermetti lill-utenti li jaraw onlajn kotba fid-dominju pubbliku jew biċċiet minn kotba bid-dritt tal-awtur wara li wieħed ikun għamel tfittxija bbażata fuq "kelmiet ewlenin" jew keywords.) Il-ftehim fl-Istati

Uniti japplika biss għall-isfruttament kummerċjali ta' kotba mill-Google fl-Istati Uniti. Madankollu, dan jista' jwassal għall-ħolqien ta' qasma fl-għerf bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti jekk il-kotba diġitalizzati ta' awturi Ewropej isiru disponibbli biss mit-territorju tal-Istati Uniti bħala riżultat ta' dan il-ftehim. Google tista' tispiċċa li jkollha pożizzjoni ta' monopolju *de facto* bħala l-uniku sors ta' poter aħħari fl-iskoperta, it-tqassim u l-bejgħ tal-kotba.

Il-Kummissjoni għalhekk jeħtiġilha teżamina bir-reqqa kif se tiżviluppa s-sitwazzjoni. Għandhom jittieħdu l-passi kollha biex din il-qasma diġitali ġdida tiġi evitata u biex jitħarsu l-interessi komuni Ewropej fit-tul. Il-mod Ewropew huwa differenti mill-istrateġija tal-Google Books, billi l-Europeana hija servizz disponibbli fid-dinja kollha u tfittex li jkollha kontenut ta' kwalità għolja u rispetta s-siġħ għal-leġiżlazzjoni dwar id-dritt tal-awtur. Dan għandu jittqies meta wieħed ifittex soluzzjonijiet għall-bosta problemi li jinqalgħu bil-leġiżlazzjoni dwar id-dritt tal-awtur, li hija differenti ħafna fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Fil-mument, inizjattivi bħall-ARROW (Reġistri Aċċessibbli ta' Informazzjoni dwar id-Drittijiet u x-Xogħlijiet bla Attribuzzjoni ta' Awtur), proġett li jippermetti lill-utenti li jivverifikaw jekk xogħol ikunx disponibbli, skadut jew bla attribuzzjoni ta' awtur bl-użu ta' interface żviluppat fil-livell Ewropew kif ukoll biex jinkiseb tagħrif dwar id-detenturi tad-dritt tal-awtur, huma għodod utli ħafna biex titħaffef l-allokazzjoni tad-drittijiet għal xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur.

Il-proġetti ta' diġitizzazzjoni li għaddejjin fl-Ewropa juru li hemm problema ġdida bil-**materjal ta' dominju pubbliku** wara l-bidla fil-format. Huwa essenzjali li kotba fid-dominju pubbliku fid-dinja analoġika jibqgħu fid-dominju pubbliku fid-dinja diġitali u jibqgħu jittgawdew mill-akbar udjenza possibbli. Jeżisti għadd kbir ta' strateġiji fl-Ewropa li jqajmu dubji legali maħluqa mid-diġitizzazzjoni dwar id-drittijiet.

Fost il-problemi għall-materjal ta' dominju pubbliku, hemm ngħidu aħna l-assunzjoni ta' saff ġdid ta' drittijiet li jinħoloq bid-diġitizzazzjoni, l-għoti ta' drittijiet esklużivi għal xogħlijiet ta' dominju pubbliku lill-kumpaniji ta' diġitizzazzjoni, kif ukoll limiti territorjali għall-aċċess ta' kontenut kulturali li jistgħu jiżdiedu waqt il-proċess ta' diġitizzazzjoni.

Kwistjonijiet finanzjarji

Il-**mudell ta' finanzjament** għal-Librerija Diġitali Ewropea evolva minn wieħed iffinanzjat b'mod esklużiv mill-Komunità (sal-2009 permezz tal-proġett EDL-net kofinanzjat mill-programm *eContentplus*) għal mudell li fih il-finanzjament ma jiġix biss mill-Kummissjoni (permezz tal-programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni) iżda wkoll mill-Istati Membri, minn xi istituzzjonijiet kulturali, u minn sponsorships mis-settur privat (mill-2009 sa tmiem l-2013).

Għandhom jiġu żviluppati metodi ġodda ta' finanzjament sabiex jinstab mudell ta' finanzjament sostenibbli mill-2013 'il quddiem.

Mod minnhom huwa li wieħed jitbiegħed mill-finanzjament attwali bbażat fuq il-proġetti lejn sħubijiet pubbliċi u privati u lejn kontribuzzjonijiet aktar strutturati minn istituzzjonijiet pubbliċi.

Is-sħubijiet publiċi u privati jistgħu jiġu żviluppati f'bosta modi, bħal sponsorships privati, ħlas għal-links provduti mill-Europeana għall-kontenut ta' organizzazzjonijiet li jiġġeneraw dħul minn dan il-kontenut, kif ukoll mudelli oħrajn ta' sħubijiet li jaslu aktar 'il bogħod, fejn is-settur privat ikun imdaħħal direttament fit-tħaddim tal-Europeana u jkun qiegħed jiġġenera dħul biex jopera s-sit. Dan għandu dejjem isir fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet li jkunu mifhuma sew u fuq linji gwida komuni.

Il-mudelli ta' **finanzjament pubbliku** għandhom jinkludu kontribuzzjoni akbar mill-Istati Membri u kontribuzzjoni Komunitarja kontinwa wara l-2013.

Biċċa xogħol immedjata għandha tkun li wieħed jittratta l-proċess bi spiża għolja tad-diġitizzazzjoni bil-massa fl-istrateġija ta' Lisbona li bħalissa qiegħda tevolvi. Pass 'il quddiem għandu jkun li parti mill-ispejjeż tad-diġitizzazzjoni jkunu koperti mill-ġenerazzjoni li ġejja ta' programmi Komunitarji u li dan kollu jitqies fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Ir-reċessjoni preżenti ma tistax tkun raġuni biex jonqos il-finanzjament għas-soċjetà tal-informazzjoni, għad-diġitizzazzjoni, u għal affarijiet bħal dawn.

Tinħtieġ **kampanja** xierqa għall-finanzjament fil-ġejjieni, li tkun tinkludi konferenzi għall-ġbir tal-fondi, sabiex tkompli titqajjem kuxjenza dwar l-Europeana kif ukoll, b'mod aktar wiesa', tal-volum kbir ta' xogħol u ta' sforzi meħtieġa biex isir progress sinifikanti fil-ħidma sfiqa għad-diġitizzazzjoni fuq skala kbira tal-wirt kulturali Ewropew.